**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 447/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Clint Zammit**

Illum, il-25 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Clint Zammit,** ta' 32 sena iben George u Bernardette nee Abela, mwieled Tal-Pieta nhar l-14 ta Dicembru 1988 u residenti 34, Triq Pinto, Hal-Qormi u detentur ta' Karta tal-Identita Maltija numru 572888M

Akkuzat talli f'Hal-Ghaxaq u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar il-11 ta' Settembru 2019:

1. Ikkommeta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzioni DAU 724 ghad-dannu ta' Victor Vella liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Sar ricediv ai termini ta' artikoli 49 u 50 u 289

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-22 ta' April 2022 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

1. Fl-artikoli 267, 269(c), 271(g), u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 49, 50, 289, kif ukoll fl-artikoli 17, 31, 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Mejju 2022 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

---

[1] Fol. 59 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 128 ta' l-atti processwali
[3] Fol. 130 ta' l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha definittivament nhar it-23 ta' Mejju 2023.[4]

Rat illi d-difiza għalqet definittivament il-provi tagħha fit-12 ta' Marzu 2024.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemgħu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-każ jikkonċerna allegat serq ta' vettura ossija vann tal-għamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni DAU-724 mill-imputat Clint Zammit għad-dannu ta' Victor Vella liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

[4] Fol. 130 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 164 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Melvyn Camilleri**[6], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, xehed fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2021. Jispjega li fil-11 ta' Settembru 2019 certu Victor Vella kien irrapporta fl-Ghassa taz-Zejtun li kien insteraqlu l-vann tat-tip Toyota Hilux, numru ta' registrazzjoni DAU-724 minn Triq il-Belt Valletta, Hal Ghaxaq, biswit l-ghalqa tieghu. Vella kien qal li halla c-cwievet tal-vann imdendlin man-naha ta' gewwa tal-hajt tal-ghalqa u induna li la l-vann u lanqas ic-cwievet ma kienu hemm. L-ghada, l-istess Vella kien informa li terzi persuni qalulu li l-vann seta' ttiehed minn persuna jghidulu "il-Bomber". Ix-xhud spjega li kameras tas-CCTV ma kienx hemm fl-akkwata. Fit-13 ta' Settembru 2019, il-Pulizija rceviet informazzjoni li tinda u xi kaxxi tal-pitkalija li kien hemm fil-vann kienu nstabu fi Triq Ganni Raimondo, il-Kalkara. Fil-15 ta' Settembru 2019, gie kkonfermat li l-vattura kienet ser tinbiegh lil JAC Steel, Hal Luqa izda bhala ruttam izda s-sid ma kienx accettaha. Imbaghad imbieghet ghall-istess skop lil Ta' Disma, Hal Luqa fejn tqattghet immedjatament ghall-hadid. Minn hemm gie kkonfermat li l-persuna li konsenjat il-vettura kien l-imputat Clint Zammit. Zammit gie arrestat u fis-16 ta' Settembru 2024 ittiehdet stqarrija mix-xhud wara li rrifjuta l-jedd ghall-assistenza legali.

Fl-istess seduta xehed **Victor Vella**[7]. Jghid li fil-11 ta' Settembru 2019 ghall-habta tal-16:00hrs mar bil-vann hdejn l-ghalqa tieghu biex jigbor xi dulliegh. Dahhal mieghu madwar sitt kaxxi tal-pitkalija, ic-cavetta tal-vann u flixkun ilma. Fil-vann kien baqa' xi kaxxi tal-pitkalija ohrajn, whud minnhom bil-felfel u l-hawh. Eventwalment mar huh ukoll jghinu jgorru l-kaxxi izda meta gew

[6] Fol. 8-13 tal-atti processwali
[7] Fol. 40-50 tal-atti prcesswali

biex jghabbu, l-vann ma kienx hemm. Dwar dan ghamel rapport mal-pulizija u anke` tkellem ma xi resident fl-akkwata li qalulu li jista' jkun li l-vann ittiehed minn certu Clint Zammit, persuna f'figura qawwija li kien liebes flokk iswed. Zammit kien gie identifikat bil-laqam tieghu "il-Bomber" jew xi kelma simili. Vella jghid li fil-jiem ta' wara gie nfirmat minn terzi persuna li l-vann kien intlemah Hal Qormi u anke` l-Kalkara. Fil-Kalkara instabu l-incirata u xi bicciet ohrajn mill-vann. Minhabba f'dan gih suspett li l-vann kien gie scrapped. Vella jghid li l-vann kien xtrah madwar sena u disa xhur qabel ghall-prezz ta' €7,000 u wara din l-affari kellu jixtri vann iehor simili ghall-prezz ta' €5,700 ghax kellu bzonnu ghax-xoghol. Sar jaf li l-vann kien tqatta' ghall-iscrap f'post li ma kellux licenzja minn Transport Malta u minghajr ma saru l-ebda verifiki dwar min kien is-sid tieghu.

Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2022 xehed **PS 1042 Aaron Caruana**[8], gia stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun, li kkonferma li fil-11 ta' Settembru 2019 ircieva r-rapport maghmul minn Victor Vella dwar l-incidenza de quo. Kien informa lill-Ispettur Melvyn Camilleri bir-rapport u wara jumejn gie nfurmat mill-Ghassa ta' Bormla li kienu nstabu xi accessorji tal-vann misruq gewwa Triq Gianni Raimondo, Il-Kalkara. Victor Vella kien identifika dawn l-affarijiet fil-pozittiv. Mill-investigazzjonijiet li saru, kien irrizulta li l-vann kien ittiehed u kien qed jintuza mill-imputat Clint Zammit.

Fl-istess seduta xehed **PS 1405 Dylan Gerada**[9], stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun. Jispjega li huwa assisti fl-investigazzjoni meta fis-16 ta' Settembru 2019 acceda fl-iscrap yard ta' D. Attard Ltd., Triq il-Belt Valletta, Hal Luqa fejn flimkien ma l-impjegati, ra l-filmati CCTV. Minn din l-informazzjoni irrizulta li l-vettura ossija vann in kwistjoni dahal fl-iscrap yard nhar it-12 ta' Settembru 2019 ghall-

[8] Fol. 67-70 tal-atti processwali
[9] Fol. 74-78 tal-atti processwali

habta tat-15:25hrs. Mill-filmati giet facilment identifikata l-vettura kif ukoll l-imputat, li kien thallas is-somma ta' €160 tal-vettura. Gew ipprezentati fotogrammi mill-filmat.

Fl-istess seduta xehed **Francis Borg**[10]. Ix-xhud huwa resident fi Triq Gianni Raimondo, Il-Kalkara, vicin fejn instabu l-accesserji u d-debubat Victor Vella kien talbu l-filmati mill-kameras li ghandu mal-faccata. Dawn ma kienux jaqbdu l-post relevanti izda provdielu filmat mid-dashcam tal-karozza li gie mghoddi anke` lill-pulizija. Ikkonferma li kien ra l-vann ipparkjat fl-akkwata u li kien ra ragel ihott xi affarijiet minnu, inkluz bicca incirata hoxna li spiccat mal-art. Ma setax jidentidika lill-imputat fl-awla b'certezza.

Fl-istess seduta xehed **Kluivert Agius**[11], adett fl-iscrap yard ta' DDE Attard Limited. Jispjega li xoghlu jizen materjal imdahhal ghar-ruttam u jhallas skont il-piz. Muri l-fotogrammi mis-CCTV, jiftakar li l-imputat kien ha l-vann in kwistjoni, hu kien wiznu, hareg il-"weight chit", hallsu u imbaghad l-imputat telaq. Ikkonferma li kienet giet iffirmata ircevuta u gharaf l-istess ezebita a Fol. 91. Gharaf lill-imputat fl-awla kif ukoll il-firem tieghu u tal-imputat fuq id-dokument appena riferit.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Disma Attard**[12], direttur ta' DDE Attard Limited. Ikkonferma l-firma tieghu fuq in-naha ta' fuq tad-dokument ezebit a Fol. 91. Muri l-fotogrammi ikkonferma li l-post li jidher huwa l-ufficcju tieghu. Jghid li ma kienx prezenti fil-mument indikat u allura ma tantx jaf dettalji u lanqas ma gharaf lill-imputat.

[10] Fol. 80-85 tal-atti processwali
[11] Fol. 86-90 tal-atti processwali
[12] Fol. 92-96 tal-atti processwali

Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022 xehed l-**Ispettur Jean Paul Attard**, stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, li pprezenta sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Clint Zammit mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' April 2018.

Fis-seduta tat-12 ta' April 2022 xehed **Brian Farrugia**[13] f'isem Transport Malta. Minn ricerka li saret irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAU-724 hija Toyota Hilux ta' lewn griz u ilha registrata fuq isem Victor Vella minn Hal Ghaxaq sa mis-6 ta' Settembru 2017. Giet irrappurtata misruq fil-11 ta' Settembru 2019.

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022 xehedet **Marilyn Attard**[14] mid-Dipartiment tal-Probation u Parole. Tispjega li ssegwi lill-imputat a bazi ta' Ordni ta' Probation li inghatat fis-27 ta' Lulju 2021 u l-aktar li segwitu kien minn gewwa l-habs. Il-kawza tal-agir kriminali minn naha tal-imputat hija l-problema ta' dipendenza fuq id-droga li huwa ghandu. Fil-mument li xehdet, tikkonferma lil-imputat kien qed jattendi ghal program residenzjali kontra d-droga that il-harsien tas-Sedqa. Tikkonkludi tghid li hemm progress u li r-relazzjoni tal-imputat mal-familja tieghu hija wahda tajba.

Fl-istess seduta xehdet **Rachel Micallef Ciantar**[15], ufficjal tal-Agenzija Sedqa. Bdiet tahdem mal-imputat minn gewwa l-habs f'Lulju 2022. Ikkonfermat li fit-18 ta' Ottubru 2022, l-imputat dahal ghal program residenzjali kontra d-droga mal-imsemmija Agenzija u li l-progress huwa wiehed tajjeb.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2024 xehed **Brian Camilleri**, ufficjal tal-Agenzija Sedqa. Aggorna li fil-11 ta' Settembru 2023 l-imputat gie sospiz mit-tielet fazi

[13] Fol. 112 tal-atti processwali
[14] Fol. 135 tal-atti processwali
[15] Fol. 138-140 tal-atti processwali

tal-programm minhabba li hareg ghax-xoghol u baqa' ma dahalx lura. Minn dak li kien qal l-imputat stess, kien xorob. Talab li johrog mill-programm f'dak il-punt meta kien ghad fadallu biss tlett xhur biex ilesti. Ikkummenta li kul iz-zmien li l-imputat kien fil-programm, l-imgieba tieghu kienet wahda tajba.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija tal-imputat[16] ittiehdet mill-Ispettur Melvyn Camilleri fis-16 ta' Settembru 2019 fil-prezenza ta' PC 206 Mario Barbara wara li l-imputat inghata s-soliti drittijiet u ghazel li ma jikkonsultax ma avukat. F'din l-istqarrija, l-imputat jammetta li huwa ha l-vann li kien "bic-cavetta go fih" u li bieghu ghall-hadid versu hlas ta' €150.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kaz fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2024[17]. Il-prosekuzzjoni tghid li mill-provi jirrizulta oltre mill-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ha l-vann in kwistjoni ghall-gwadann tieghu tant li anke` bieghu. Tikkummenta li kellu opportunita` tad-deheb illi jirriforma ruhu izda skartaha. Id-difiza mill-banda l-ohra ssostni li l-imputat minn dejjem wera kooperazzjoni mal-pulizija u rreferiet ghall-istqarrija tieghu filwaqt li tghid li akkadut in kwistjoni huwa rizultat dirett tal-perjodu difficli li kien ghaddej minnu l-imputat. Dwar il-piena, tissolecita ghalhekk lill-Qorti sabiex l-imputat ma jigix "re-victimised" wara li hazin jew tajjeb ha passi biex jirriforma ruhu.

[16] Fol. 14-15 tal-atti processwali
[17] Fol. 170-171 tal-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat primarjament tali ikometta serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur, bil-lok u bix-xorta.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[18].

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-kaz huwa elenkat fl-artikolu 261(c)(e) u (g) tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-valur, lok u xorta. Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-

[18] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra l-imputat u li tinkorpora dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-valur issir ssir meta s-serq tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-lok jista jsir meta jsir f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha.

Skont il-Kodici Kriminali l-aggravju tax-xorti tal-haga misruqa issir skont id-diversi rekwizit indikati fl-artikolu 271(a)-(i) li f'dan il-kaz huwa (g) li jindika vettura go post accessibli ghall-pubbliku.

**Ikkunsidrat:**

**Serq ta' Vettura**

Dan il-kaz jikkoncerna allegat serq ta' vettura ossija vann tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzioni DAU-724 mill-imputat Clint Zammit ghad-dannu ta' Victor Vella liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok, u bix-xorta tal-haga misruqa.

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ttenni li s-serq huwa aggravat ghax ikkwalifikat bil-"valur", tal-ħaġa misruqa, li jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa udisgħin ċenteżmu (€232.94) skont l-Artikolu 267 tal-Kodici Kriminali. Huwa aggravat ukoll bil-"lok" ghax sehh fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat skont l-Artikolu 269(c) tal-Kodici Kriminali kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, li f'dan il-kaz hija "vettura f'post pubbliku jew f'post accessibbli għall-pubbliku" skont l-Artikolu 271(g) tal-Kodici Kriminali.

Illi skont Carrara, *"il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro"*. Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:

- il-*contractatio* jew tehid tal-haga,
- li tappartjeni lil terzi,
- maghmula b'mod frawdolenti,
- minghajr l-kunsens tad-sid, u
- *animo lucrandi*.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contractatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti *sine qua non* biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist- *animo di farne lucro*. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale*, kif jghid Manzini *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' *res aliena* m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza ***Il-Pulizija v S.Pisani***[19] il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar d-dsatax ta' Frar, 1942

irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura. Carrara jghid : "*avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso*."

Illi f'dan il-kaz, l-elementi tar-reat ta' serq kollha jirrizultaw, partikolarment ghax il-vann in kwistjoni gie mehud kontro l-volonta' tas-sid Victor Vella tant li dan kien pront ghamel rapport mal-Pulizija meta l-vann safa nieqes. L-element essenzjali tal-*animus lucrandi* huwa ukoll palezament manifest mill-fatt li appena ha l-vann, l-imputat kien pront imur ibieghu bhala ruttam sabiex jillikwidah fi flus kontanti.

Illi dwar l-identifikazzjoni tal-imputat tista' tghid li ftit li xejn jista' jkun hemm lok ta' dubbju minhabba li fl-atti gew debitament ezebiti filmati li juru lill-imputat qed jikkonsenja l-vettura misruqa fl-*iscrap yard* ta' D. Attard Limited biex jithallas taghha bhala ruttam. Il-provenjenza ta' dan il-filmat giet debitament ikkonfermata bil-gurament[20] u lanqas ma giet bl-ebda mod attakkata mid-difiza.

*Multo Magis*, fl-istqarrija tieghu, li ttiehdet wara li gie offrut il-jedd ghall-assistenza legali, l-imputat ammetta li huwa kien ha l-vann in kwistjoni li kien "bic-cavetta go fih" u li bieghu ghall-hadid versu hlas ta' €150.

---

[20] Vide xhieda ta' Kluivert Agius a Fol. 86-90 tal-atti processwali

Illi minn naha taghha, fit-trattazzjoni id-difiza ma sollevat l-ebda argumenti dwar il-htija tal-imputat ghar-reat addebitat fil-konfront tieghu izda strahet biss fuq il-fatt li huwa kien "ikkoopera mal-Pulizija". Bid-dovut rispett lejn id-difiza, ghajr ghall-fatt li ammetta l-htija tieghu fl-istqarrija, din il-Qorti ma rat l-ebda manifestazzjoni ta' kooperazzjoni minn naha tal-imputat tant li ma saret l-ebda ammissjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri u kellhom jinstemghu il-provi. Ghalhekk, din il-"kooperazzjoni" li taccenna ghaliha d-difiza m'hu ser issarraf fl-ebda mitigant ghall-imputat ghax ir-rizorsi u l-hin tal-gustizzja inhlew xortawahda.

Fid-dawl tas-suespost, u cioe' li l-provi huma univoci u jippuntaw kollha lejn direzzjoni wahda, il-Qorti hija sodisfatta lilhinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien l-imputat li seraq il-vann in kwistjoni a dannu ta' Victor Vella.

Il-prosekuzzjoni tibbaza l-aggravant dwar il-valur tal-vann misruq fuq dak li jixhed id-derubat Victor Vella, u cioe' li huwa kien xtara' l-vann ghall-prezz ta' sebat' elef Euro (€7,000). Irid jinghad li sa meta nbdew l-investigazzjoni dwar dan il-kaz mill-Pulizija, il-vann kien diga' inbiegh u tqatta' ghar-ruttam u ghalhekk, dan ma setax jigi spezzjonat minn espert gudizzjarju sabiex jiddetermina forsi b'aktar precizjoni l-valur tieghu fil-mument li nsteraq. Ghalkemm huwa vera li l-Prosekuzzjoni ghandha dejjem tipprova tressaq l-ahjar prova, il-Kodici Kriminali imkien ma jghid li t-tieni l-ahjar prova hija inammissibbli, jekk ma kienx possibli li titressaq l-ahjar prova. Ghalhekk, il-Qorti ser tqis li l-vann kellu valur ta' sebat elef Euro (€7,000) u b'hekk jirrizulta ppruvat l-aggravant dwar il-valur tal-haga misruqa.

Huma sufficjentament ippruvati ukoll l-agravanti l-ohrajn li jittrarraw dwar in-natura tal-haga misruqa[21] kif ukoll il-lok ta' fejn sar ir-reat, li kif jixhed il-*parte civile* Victor Vella[22], il-vann kien hallih biswit l-ghalqa tieghu.

**Ikkunsidrat**

**L-Addibitu tar-Recidiva**

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

[21] Vide xhieda ta' Brian Farrugia f'isem Transport Malta a Fol. 112 tal-atti processwali
[22] A Fol. 40-50 tal-atti prcesswali

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

L-addebitu tar-recidiva gie debitament ippruvat mill-Prosekuzzjoni, li ezebiet vera kopja ta' sentenza moghtija kontra l-imputat minn dina l-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' April 2018[23] fejn huwa nstab hati fuq ammissjoni tieghu stess ta' diversi reati, fosthom serq, u gie kkundannat ghal piena ta' tletin (30) xahar prigunerija.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat[24] li hija wahda ta' portata voluminuza. Tixhed ghal karattru raffrettarju fl-imputat, fejn ghandu mhux inqas minn tlettax (13)-il kundanna minn dawn il-Qrati, li jinkludu numru ta' kundanni relatati mal-abbuz u traffikar tad-droga, ksur tal-ligijiet tas-sewqan u serq.

L-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu permezz ta' ordnijiet ta' probation, kif ukoll inghata diversi sentenzi

[23] Fol. 107-108 tal-atti processwali
[24] Fol. 26-39 tal-atti processwali

karcerarji effettivi. Pero' jidher li l-imputat baqa' ma tghallem xejn u ghadu jippersisti li jibqa' jghix fil-hajja ta' kriminalita' li sfortunatament qabad snin ilu.

Illi l-imputat huwa recidiv skond l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad wiehed jew tnejn.

L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

In vista li l-imputat instab hati li hu recidiv taht l-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti hija tal-fehma li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-piena ghandha tkun wahda karcerarja effettiva.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 267, 269(c), 271(g), 280(1), 289, 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Clint Zammit **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' sena prigunerija.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz taghha huwa ikun jista jigi mgħejjun jindirizza l-vizzju tad-droga li ghandu, il-Qorti wara li rat l-Artikolu **412D** tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' tlett (3) snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi

kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**Moghtija illum nhar il-25 ta' Novembru 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**